**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 41, 214, 216, 383 u 533 tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 708/13***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**KARMENU FALZON**
**(ID: 339689M)**

**Illum, 8 ta' Novembru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **KARMENU FALZON**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 339689(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2013 ghall-habta tal-10:35p.m. fir-Rabat ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong mir-Rabat.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom stqarrija a fol. 2 et seq., dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali a fol. 4, okkorrenza a fol. 5 et seq. u fedina penali a fol. 15 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-3 ta' Frar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata b'mod sommarju, b'reserva li jinstemghu xi xhieda ohra.

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghal tali xhieda salv u b'eccezzjoni ghax-xhieda ta' Brian Micallef li xehed fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2016 gew moqrija l-Artikoli u l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza minn din il-Qorti, tant li xtaq jirregistra ammissjoni ghar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong kif registrata waqt is-seduta tal-lum tmienja (8) ta' Novembru 2016 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza tar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong kif dedotta kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu ghar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Richmond Tong giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-lum tmienja (8) ta' Novembru 2016.

Rat illi effettivament mir-relazzjoni tal-Espert Mediku Dr Mario Scerri, nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-30 ta' Lulju 2013, Richmond Tong kellu ferita ta' natura hafifa.

Semghet lill-Prosekuzzjoni verbalment fis-seduta tal-lum 8 ta' Novembru 2016 tghid illi huwa minnu illi Richmond Tong sofra biss din il-ferita kif deskritta minn Dr Mario Scerri.

Ghaldaqstant, stante l-ammissjoni tal-imputat ghar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong, il-Qorti qed issibu hati taghha u stante illi l-imputat ghandu fedina penali netta, bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha, thoss li huwa opportune illi tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 41, 214, 216, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikajra li qed issib lill-imputat KARMENU FALZON hati tar-reat ta' attentat ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Richmond Tong u tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tliet snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation u Parole bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju biex jiehu hsieb din l-ordni.**

**Il-Qorti tordna wkoll li l-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qrati Kriminali, fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub, is-somma ta' mitejn u erbatax-il ewro u wiehed u disghin centezmu (€214.91) rapprezentanti l-ispejjez involuti fl-inkarigu moghti lill-Espert Dr Mario Scerri u tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imputat ma jimmolestax u ma jingurjax lil Richmond Tong ghal perjodu ta' sena mil-lum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) fin-nuqqas.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor l-ispejjez gja msemmija.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**